MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Numru. 248/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**PETER PAUL CASSAR**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Peter Paul Cassar bin Angelo u Angela nee` Xerri residenti Nru 33, Triq l-Buskett, Nadur, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 44546 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' Jannar 2003 ghall-habta tat-8:15 a.m. fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni Nru CBD 931, Tractor minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Transport Pubbliku ta' Malta.

2. Aktar ukoll talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanza, saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni.

3. Akkuzat ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna jew ghamel hsara fuq vettura TFD 240 Nissan ghad-dannu ta' Saviour Theuma.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, barra l-piena stabbilita mil-ligi tissospendi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidrilha li hu xieraq.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil WPS 160, Dr Monica Vella, Mary Dolores Theuma, Alan Micallef in rapprezentanza ta' AXA Insurance u Saviour Farrugia in rapprezentanza tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji.

Semghet lilll-imputat jirregistra ammissjoni fuq l-ewwel u t-tielet akkuzi;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` MVR 50, artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kap 65, artikolu 3 (1) tal-Kap 104 u artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti dwar it-tieni akkuza din ma tirrisultax ippruvata ghaliex ir-rappresentant tal-AXA Insurance iddikjara viva voce li l-imputat kien kopert bil-polza tas-sigurta` ghalkemm ma kellux driving license.

Ghaldaqstant tiddikjara li ssib lil-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tletin lira Maltin (Lm30) u mhux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------